**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 ta' Gunju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit**
**Spettur Stephen Gulia)**

**Vs**

**Duncan Debono**

**Kump numru 143/2021**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Duncan Debono** detentur tal-karta ta' l-identita **482377M** fejn gie akkuzat talli:

1. nhar it-13 ta' Marzu 2021, għall-ħabta ta' bejn l-12:45Hrs u 13:00Hrs ta' waranofsinhar minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' St. Catherine's li jinsab fi Triq l-Oratorju, Bormla ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija

u disa’ w ghoxrin Euro u sebgha’ w tletin centezmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta’ Fiona Vella u/jew Sandro Vella u/jew ta’ xi persuna/i u/jew xi entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Lorenza Aquilina anzjana ta’ 61 sena u lil Fiona Vella kontra l-volonta’ tagħhom u dan bil-ħsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeg ohra u/jew biex ikunu mġiegħlha jaccettew li jagħmlu xi trasferiment ta hwejjiġhom;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi garr ‘il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija

4. U aktar talli fl-istess dati hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ ħ tija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tallum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tallum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura u l-gravita` ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena/sanzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, li wara kollox jikkonfortaw din l-istess ammissjoni, l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aktar sanzjoni indikata ghall-fatti ta` dan il-kaz, qed jigu meqjusa s-segwenti, fost ohrajn, u cioe`:

i. Il-gravita` tar-reati li ghalihom l-imputat ammetta;
ii. l-ammissjoni ta` l-imputat;
iii. il-fatt li l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel u li l-problema principali tieghu hu li ghandu l-vizzju tad-droga u konsegwentement jixtieq li jinghata l-ghajnuna sabiex jirriabilita` ruhu.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 49, 261(A)(B)(C), 262(1)(A)(B)(2), 263(B), 267, 275, 276A, 277(B), 280(2), 86, 87(1)(C)(E), U 533 TAL-KAPITOLU 9 U L-ARTIKOLI 6 U 51(7) TAL-KAP 480 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, ISSIB LILL-IMPUTAT DUNCAN DEBONO, FUQ AMMISSJONI TIEGHU STESS, BHALA RECIDIV (BISS FIT-TERMINI TAL-ART 49 KAP 9) HATI TAL-IMPUTAZZJONIJIET KIF DEDOTTI U TIKKUNDANNAH GHALL-SENTEJN (2) U TLETT (3) XHUR PRIGUNERIJA U GHALL-HLAS TA` MULTA TA' €116.47.**

**In oltre tordna lill-hati jhallas l-ispejjez skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9.**

**Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin biex jaghti lill-hati kull ghajnuna mehtiega ghar-riabilitazzjoni tieghu mill-abbuz tad-droga.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur